Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

# Seduta numru 5 - Illum it-Tlieta, 15 ta' Settembru 2009

## MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 6 ta' Ġunju 2009, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda Segwenti;

Approvazzjoni tal-Minuti
Korrispondenza
Komunikazzjonijiet
Hatra ta' Uffiċjal Eżekuttiv
Xogħol ta' Alterazzjonijiet fil-Kunsill
FUN RUN b' risq il-Malta Community Chest Fund
Evalwazzjoni tal-Festa
Affarijiet Mixxellanji
Aġġornament

## PREŻENTI

Is-Sindku Paul Vella, il-Viċi Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunisllier Giovann Gatt.

Skużata il-Kunsillier Maria Said .

Is-Segretarju Eżekuttiv : Christine Lewis, Deputat Segretarju Eżekuttiv : Noel Cini

Il-Laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku Paul Vella

## MINUTI

### 1.00 Approvazzjoni tal-Minuti

1.01 Il-Minuti ttieħdu bħala moqrija u wara konsiderazzjoni kien deċiż li ssir ammenda f' paragrafu 10.02 fejn ix-xhar ġie mibdul minn Settembru għal Awwissu. Wara l-isess minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

### 2.00 Korrispondenza

2.01 Is-Sindku ta ftit dettalji dwar l-Energy Saving Scheme Consortium u qal li dan il-proġett kien ser jitnieda nhar il-Hamis, 17 ta' Settembru f' Ghawdex. Qal ukoll li waqt din l-attivita` kien ser jiġi ffirmat il-ftehim mill-Kunsilli Lokali li jiffurmaw il-konsorzju.

2.02 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-proġett LIFE + mibgħut mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-Sur Vella qal li 50% ta' l-ispejjes kienu jinħarġu mill-Kunsill filwaqt li l-50% l-oħra kienu ser jiġu finanzjati minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea. Sar qbil li għandha ssir laqgħa informali sabiex ikun deċiż jekk il-Kunsill kellux jieħu sehem f' dan il-proġett jew le.

2.03 Ġew iċċirkolati numru ta' applikazzjonijiet ta' żvilupp fil-lokalita` ta' l-Imgarr li waslu għand il-MEPA kif ukoll xi deċiżjonijiet li kienu ttieħdu mill-istess Awtorita`.

**3.00 Hatra ta' Uffiċjal Eżekuttiv**

3.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li nħarġet sejħa nterna mal-Kunsilli Lokali kollha għal mili ta' vakanza ta' Uffiċjal Eżekuttiv kienet daħlet applikazzjoni waħda mis-Sinjura Natasha Cassar li fil-preżent kienet impjegata bħala skrivana ma' l-istess Kunsill. Hawnhekk is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jaċċetta l-applikazzjoni tas-Sinjura Cassar sabiex din tinħatar Uffiċjal Eżekuttiv. Il-Kunisllieri preżenti qablu ma' din il-proposta. Wara dan is-Sindku nforma wkoll li issa kienet inħarġet sejħa interna mal-Kunsilli Lokali għal impieg ta' skrivana biex jimtela l-post li jista' jkun battal tas-Sinjura Cassar.

**4.00 Xogħol ta' Alterazzjonijiet fil-Kunsill**

4.01 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħlijiet li kienu għaddejjin bħalissa fil-bini tal-Kunisll, u ta rendikont ta' dak li diġa` sar u tax-xogħlijiet li għad fadal li jsiru. Is-Sindku qal li jispera li x-xogħol il-kbir ikun finalizzat sa Diċembru li ġej.

4.02 Il-Kunsillier Gatt ippropona li qabel isir il-ftuħ uffiċjali għandha ssir open day. Din il-proposta ġiet aċċetata mill-Kunsill.

**5.00 FUN RUN b' risq il-Malta Community Chest Fund**

5.01 Is-Sindku qal li waqt laqgħa li saret dan l-aħħar mal-President ta' Malta, dan kien ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex jorganizzaw attivitajiet biex jinġabru flus b' risq il-Community Chest Fund. Is-Sindku qal li l-Kunsill setgħa jorganizza attivita` għal dan il-għan taħt it-tinda li kienet ser tintrama b' konnessjoni ma' l-attivita` li ser issir fis-7 ta' Diċembru taħt l-iskema ta' Attivitajiet Kulturali. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Gauci qalu li din l-attivita` setgħet tiġi organizzata minnhom permezz tal-Kumitat taż-Żgħażagħ.

5.02 Is-Sindku qal li kien qed jagħmel taħdidiet dwar il-possibilta` li jibdew isiru xi korsijiet għan-nisa matul il-jum. Hu qal li dawn il-korsijiet jistgħu jsiru fil-bini tal-Kunsill, speċjalment meta x-xogħlijiet li għaddejjin fil-preżent ikunu lesti.

**6.00 Evalwazzjoni tal-Festa**

6.01 Is-Sindku qal li b' mod ġenerali l-andament tal-festa kien tajjeb u hawn semma' l-postijiet fejn tpoġġew il-gabbani fejn qal li jidher li ma kienx hemm problemi mal-maġġoranza tagħhom għajr għal dawk tal-qubbajd. Qal li din is-sena kien hawn konkorrenza tajba u li ma kienx hemm inkwiet. Qal li l-unika ħaġa li hemm bżonn li titranġa huwa t-tindif tat-toroq bejn nhar il-Gimgħa u s-Sibt - u dan minħabba t-tiben.

6.02 Il-Kunsillier Gatt qal li l-Kappillan xtaq li jiltaqa' mal-Kunsill Lokali.

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

ŻGĦIR B'QALB KBIRA

## 7.00 Affarijiet Mixxellanji

7.01 Is-Sindku qal li l-President ta' Malta kien ser jagħmel żjara fl-Iskola primara fl-okkażżjoni tal-bidu tas-sena skolastika 2009/2010. Is-Sindku qal li kien hemm bżonn li jinqala' u jinbidel it-tapit tal-mini pitch. Qal ukoll li kienet inġiebet stima mingħand Bonnici Brothers sabiex isir xi tarmac qabel ma jitpoġġa t-tapit il-ġdid. Qal li l-istima għal dan ix-xogħol kienet ta' ewro 5442.00. Is-Sindku qal li minħabba li dan ix-xogħol irid isir qabel ma tiftaħ l-iskola qed jipproponi li l-Kunsill għandu japprova din l-istima. Il-Kunsill approva dan ix-xogħol.

7.02 Dwar il-provvista ta' mobile toilets, il-Kunsill qabel li aktar 'il quddiem jinġiebu xi stimi.

7.03 Is-Sindku tkellem ukoll dwar ir-railings li kien ser jitwaħħal fuq il-bejt tal-Kunsill u qal li kien ġieb żewġ stimi – waħda mingħand Charles Grech ta' ewro 800.00 u oħra mingħand Charles Gatt li tammonta għal ewro 3200.00. Wara li saret diskussjoni sar qbil li għandha tinġieb stima oħra qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar min kien ser jingħata dan ix-xogħol.

7.04 Is-Sindku qal li kien ġieb żewġ stimi dwar bankijiet tal-ħadid – waħda mingħand Charles Grech li kienet ta' ewro 80.00 ( tal-ħadid tal-ġnub u tan-nofs mingħajr l-injam) ta' kull bank, u oħra mingħand Anton Zarb li kienet tammonta għal madwar ewro 233.00 ta' kull bank. Il-Kunsill approva l-istima ta' Charles Grech u qabel li jordna għaxar (10) bankijiet.

7.05 Gew preżentati wkoll tlett stimi dwar dog litter bins – waħda mingħand B Grima & Sons ta' ewro 177.00-il waħda, SR Environmental Solutions ta' ewro 163.60-il waħda u oħra mingħand Andrew Vassallo General Trading ta' ewro 347.47-il waħda. Il-Kunsill iddeċieda li jieħu l-istima ta' SR Environmental Solutions bil-prezz ta' ewro 163.60-il wieħed. Il-Kunsill qabel li jinxtraw għaxar (10) dog litter bins.

7.06 Inġiebet ukoll stima dwar xi bicycle stand mingħand Anton Zarb li tammonta għal ewro 175.00-il waħda. Il-Kunsill qabel li jixtraw tlieta biex jitwaħħlu waħda fil-pjazza, oħra ħdejn il-ground tal-football u oħra ħdejn il-ġnien taż-Zebbiegħ.

7.07 Is-Sindku tkellem dwar id-daħla l-ġdida tal-bini tal-Kunsill u qal li l-parti tal-ħajt fuq ix-xellug kien hemm bżonn li titranġa billi jew titqatta' u tinkesa bis-cement, jew jinkesa bit-travertin jew b' tal-qawwi. Gie deċiż li l-Kunsill jitlob stima għal kisi bit-travertin. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li t-taraġ ta' barra għandu jsir tat-travertim sabiex jiġi pariġġ id-daħla.

7.08 Il-Kunsill iddeċeda wkoll li tinġieb stima dwar xogħol ta' bdil tal-kantuni li hemm immermrin taħt il-qatran, fuq il-faċċata tal-bini tal-Kunsill.

7.09 Il-Viċ Sindkui tkellem dwar it-tabella li hemm fid-daħla ta' l-Imġarr ħdejn ir-roundabout u sar qbil li din għandha tinbidel.

7.10 Il-Kunsillier Gauci tkellem dwar il-possibilta` li tinġieb banda minn Mathi fl-okkażżjoni ta' Jum Gieħ l-Imġarr, li soltu ssir fix-xhar ta' Frar. Saret diskussjoni dwar din il-proposta u dwar il-possibilta` li l-Kunsill japplika għal xi fondi taħt il-proġett Europe for Citizen Programme 2007 – 2013. Il-perjodu taż-żjara tal-banda minn Mathi għandu jkun mid-19 sat-23 ta' Frar 2010.

# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*

7.11 Giet diskussa l-possibilta` li ssir ġita bil-parteċipazzjoni ta' residenti minn Mathi u mill-Imġarr. Il-Kunsill qabel li ż-żjara issir fit-Toscana u mhux f' Ruma, u kien propost il-perjodu ta' bejn it-30 ta' Marzu u s-6 ta' April 2010.

7.12 Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Gauci nfurmaw lill-Kunsill li l-Kumitat taż-Żgħażagħ kien qed jorganizza ikla fil-club tal-football fit-18 ta' Settembru 2009 fit-8.30pm. Il-Kunsillieri kienu mistiedna li jattendu għal din l-attivita`.

7.13 Il-Kunsillier Gauci qal li kien qed jipproponi li ssir l-attivita`Il-Qiegħa tal-Qamħ. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li din l-attivita` għanda ssir wara li jsiru aktar diskussjonijiet.

7.14 Il-Kunsillier Gauci staqsa jekk l-isqaq jew id-daħla għall-garaxxijiet li hemm paralella ma' Triq il-Fuħħar l-Aħmar kienitx privata jew pubblika.

7.15 Il-Kunsillier Gatt tkellem dwar id-double lines li suppost kienu saru fi Triq Dun Edgar u pproduċa ritratt tal-vann ipparjak fit-triq. Is-Sindku qal li dawn il-linji suppost għadhom isiru matul dan ix-xhar.

7.16 Dwar ix-xogħol fuq il-ħajt tas-sejjieħ fi Triq il-Palma kien deċiż li tingħażel l-orħos stima sabiex dan ix-xogħol ikun jista' jsir.

7.17 Il-Kunsillier Gatt staqsa jekk il-lista ta' bozoz ġodda li kien ippreżenta fis-seduta ta' qabel kienitx intbagħtet lill-Korporazzjoni Enemalta. Is-Sindku qal li din kienet intbagħtet.

**<u>08.00 Aġġornament</u>**

08.01 Ġiet approvata l-lista ta' ħlasijiet annessa ma' dawn il-Minuti.

08.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00p.m.

Noel Cini
Agent Segretarju Eżekuttiv

Paul Vella
Sindku